**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Rikors Nru. 270/2015MV wara l-Atti ta' l-Ittra Ufficjali Numru 2002/15 tad-19 ta' Awissu 2015 a tenur ta' l-art 466 tal-Kap 12**

**Automated Revenue Management Services Limited**

**vs**

**John Vella**

**Illum, 13 ta' Lulju 2016**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' John Vella, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 499870M fejn jesponi;

1. Illi huwa gie notifikat bl-ittra ufficjali fin-numru u fl-ismijiet premessi u dan huwa ir-Rikors Oppozitorju a tenur ta' l-art 466(2) et seq tal-Kap 12;

2. Illi l-pretensjoni avanzata permezz ta' l-ittra ufficjali msemmija hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghal dawn ir-ragunijiet;

   a) hija preskritta bid-dekors tal-preskrizzjoni ta' sena u nofs (art 2148) sentejn (art 2149) jew hames snin (art 2156 u art 2156(f)) kollha artikoli tal-Kodici Civili u bir-riserva li jigu eccepiti artikoli u termini ohrajn ta' preskrizzjoni jew dekadenza;

   b) illi minghajr pregudizzju fil-mertu, ma hemm xejn dovut: il-meter de quo kien f'bini li kien demolit u l-*meter* kien inqala' mill-kuntrattur u gie ritornat lil dak iz-zmien Enemalta mill-esponent;

   c) minhabba d-dekors taz-zmien, l-esponent qed jirriserva li jeccepixxi ulterjorment

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara u tiddeciedi illi l-pretensjoni avanzata mill-intimata Automated Revenue Management Services Limited kontra l-esponenti John Vella hija infondata fil-fatt u fid-dritt u bla bazi u b'hekk tigi dikjara michuda.

Rat ukoll ir-risposta tas-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited li tghid:

Illi l-eccezzjonijiet imressqa mir-rikorrent John Vella huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghalhekk il-pretensjonijiet imressqa mis-socjeta' ARMS permezz tal-ittra ufficjali bin-numru 2002/15 tad-19 ta' Awwissu 2015 ghandhom jigu kkonfermati, bl-ispejjez kontra John Vella.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza u qieset il-provi kollha prodotti;

Rat illi fit-13 ta' April 2016, il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi fil-kawza odjerna l-intimat rikorrenti qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' sena u nofs taht l-Artikolu 2148, ta' sentejn taht l-Artikolu 2149 jew ta' hames snin taht l-Artikoli 2156 u 2156(f) tal-Kodici Civili, ghat-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ntimata avanzati permezz ta' l-ittra ufficjali 2002/15.

Illi l-imsemmija ittra ufficjali ma gietx esebita in atti minn l-ebda wahda mill-partijiet u ghalhekk ma hemm l-ebda prova taghha u wisq anqas tal-kontenut taghha.

Illi ghalhekk s-socjeta' rikorrenti ntimata ma ghamlitx prova ta' x'talbet fl-ittra ufficjali. Illi ghalhekk, ghalkemm mhux tenuta taghmel dan ghax min jallega irid jipprova, il-Qorti tista' tasal biss ghall-konkluzjoni dwar x'setghet kienet it-talba ta' l-istess socjeta' mid-dokumenti esebiti a folio 11 sa folio 24 tal-process immarkati RB1 sa RB3, imressqa mis-socjeta' rikorrenti ntimata sabiex tirribatti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi d-dokument RB1 huwa *statement of account* li l-ewwel entrata tieghu tmur lura ghall-04 t'Ottubru 2008. Illi l-entrati l-ohra kollha li saru sa meta sar pagament ta' €55 u cioe' fl-14 ta' Frar 2012 regghu gew kollha ripetuti fil-kont kollha bid-data tat-22 ta' Lulju 2012. In oltre l-istess entrati kollha jgibu d-data tas-07 ta' Novembru 2011, ghajr iz-zewg entrati ta' qabel li jgibu d-data tat-13 t'April 2010 u 20 t'Ottubru 2010. Izda huwa ovvju li dawn huma l-istess entrati li jinsabu fuq quddiem ta' dan l-i*statement* u jmorru lura ghall-anqas ghat-13 t'April 2010.

Il-hlas tal-€55 jirreferi ghall-talba ghat-tnehhija tas-servizz, dan skond id-Dokument RB3. Ghalhekk suppost illi la fil-kont fid-09 ta' Marzu 2012 tnizzlet entrata ohra fejn il-kont gie debitat bis-somma ta' €55, allura wiehed jifhem li dakinhar tnehha s-servizz u ghalhekk il-kont ma kellux jibqa' jizdied la darba ma kienx hemm servizz. Izda l-i*statement of account* juri mod iehor, ghaliex barra li l-kont rega' gie addebitat bl-entrati kollha ta' qabel dik id-data, l-kont kompla jizdied b'diversi entrati illi l-bicca l-kbira taghhom huma indikati bhala "invoicing" minghajr l-ebda spjegazzjoni ta' f'hiex jikkonsisti dan l-*invoicing*.

Illi fl-istess Dokument RB3 gie esebiet kont illi jkopri il-perjodu mill-05 ta' Gunju 2010 sal-05 ta' Ottubru 2010 u skond l-ittra E fil-kolonna tal-konsum, dan il-kont huwa stima u ghalhekk ma hux kont proprju.

Illi l-i*statement of account* huwa dikjarazzjoni ta' l-istat li fih jinsab il-kont. Ma huwiex talba ghall-hlas.

Il-kont esebit huwa stima u ghalhekk il-konsumatur relattiv ma hux tenut ihallsu izda ghandu kull dritt ihallas meta jircievi l-kont proprju.

Ma gie esebit l-ebda kont proprju u l-ebda talba ghall-hlas da parti tas-socjeta rikorrenti ntimata.

Il-Qorti ghalhekk tista' taqa' biss fuq dak il-kont stima esebit fid-Dokument RB3. Hawn tirrizulta problema ohra ghax dak il-kont ma jirrizulta mkien fl-i*statement of account* RB1.

Illi l-intimat ikkonferma li qabel il-proceduri odjerni huwa qatt ma rcieva xi ittra mill-Qorti.

Illi ghalhekk id-data li trid titlaq minnha l-Qorti hija d-data ta' l-ittra ufficjali li r-rikors promotur jghid li kienet tad-19 t'Awissu 2015. Allura bil-preskrizzjoni ta' hames snin taht l-Artiklu 2156 wiehed imur lura ghad-19 t'Awissu 2010. Illi l-kont stima jkopri perjodu li jibda mill-05 ta' Gunju 2010 u ghalhekk aktar minn hames snin qabel gew inizjati l-proceduri odjerni. Illi ghalhekk m'hemmx dubju li mill-provi prodotti l-itwal preskrizzjoni eccepita u cioe' dik ta' hames snin giet pruvata. Din il-Qorti ghalhekk mhix se tidhol fil-preskrizzjonijiet l-ohra eccepiti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tilqa’ l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat rikorrenti John Vella bl-ispejjez kontra s-socjeta’ rikorrenti ntimata Automated Revenue Management Services Limited.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur